# *Parroċċa Qalb Bla Tebgħa*

# *Ta' Marija, Burmarrad*

**50 SENA KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA PARROKKJALI 1964-2014**



*LEĦEN IL-PARROĊĊA - Ottubru 2014 - Nru. 379*





# Il-Kelma tal-Kappillan

Għeżież,

Qed nagħtu bidu għax-xahar iddedikat lil Madonna tar-Rużarju, ix-xahar li fih nerġgħu nidħlu xi ftit fir-rutina tas-soltu, wara x-xhur sħan tas-sajf. J'Alla kellkom sajf tajjeb u ħadtu wkoll xi ftit tal-mistrieħ.

Kif għidt fil-bidu dan ix-xahar hu ddedikat lil Madonna tar-Rużarju, u għalhekk nixtieq naqsam magħkom ħsieb tal-Papa Franġisku li bla dubju għandu jgħinna biex ilkoll kemm aħna nimitawha.

'Marija hija Omm li jimpurtaha mis-saħħa ta' wliedha u tieħu ħsiebhom dejjem b'imħabba kbira. Difatti l-Evanġelju ta' San Luqa jgħid li fil-familja ta' Nażaret, Ġesu' kien jikber u jitqawwa mimli bil-għerf u l-grazzja ta' Alla li kienet fuqu. Il-Madonna tagħmel propju dan fina, tgħinna nikbru bħala bnedmin u fil-fidi biex inkunu b'saħħitna ħalli ma' naqgħux fit-tentazzjoni li nkunu bnedmin u nsara b'mod superfiċjali, imma biex ngħixu b'responsabbilta', biex nistinkaw dejjem għal ħwejjeġ ogħla.

Bħala Omm Tajba, Marija hija qribna biex ma nitilfu qatt il-kuraġġ quddiem id-diffikultajiet tal-ħajja, quddiem id-dgħufija tagħna, quddiem id-dnubiet tagħna, hija tagħtina l-qawwa, turina l-mixja ta' Binha Ġesu'. Marija tgħinna wkoll biex nagħmlu għażliet definittivi b'dik il-liberta' sħiħa li biha hija wieġbet 'IVA' għall-pjan ta' Alla dwar ħajjitna.' (Diskors f'Sta.Maria Maggiore 4-5-2013 Papa Franġisku)

Għeżież, kemm huwa diffiċli llum tieħu ċertu deċiżjonijiet. Dak li hu proviżorju xi kultant qed iqarraq bina. Qed insiru vittmi xi kultant ta' tendenzi li jimbuttawna lejn it-temporanju. Għalhekk ma għandniex nibżgħu minn impenji definittivi, jew li jinvolvuna għal ħajjitna kollha. Ejjew nagħmlu kuraġġ li nieħdu deċiżjonijiet b'determinazzjoni u b'impenn. Marija tgħinna żgur!

Il-Mulej iberikkhom!

P.Joseph Mamo ofm Conv.

# Jien Sultan!

San Alfons Maria de Liguori għandu ktieb jismu *Uniformita' mar-Rieda t'Alla*, li fih ħafna ħsibijiet u stejjer sbieħ. Waħda minn dawn l-istejjer tirrakonta dwar Patri li għal snin twal kien jitlob lil Alla x'inhu s-sigriet tal-qdusija. Dan il-Patri xtaq ħafna li jsir qaddis! U l-Mulej, li jisma' t-talb tagħna, fl-aħħar irrispondieh.

Il-Mulej qallu biex kmieni filgħodu jqum u joħroġ u jitkellem mal-ewwel raġel li jiltaqa' miegħu fit-triq. Il-Patri għamel minnufih kif ordnalu Alla, u l-ewwel persuna li ltaqa' miegħu kien raġel bla saqaf li jgħix waħdu fit-toroq. Il-Patri waqaf u beda jkellmu.

'L-għodwa t-tajba ħabib'.

'Grazzi sinjur għall-għodwa t-tajba li tajtni, imma biex ngħidlek is-sew, qatt ma niftakar li kelli għodwa ħażina'.

'Iva veru,' kompla l-Patri, ' illum hija għodwa sabiħa.'

'Sabiħa ħafna,' irrisponda r-raġel. 'Imma għalija, sinjur, il-ġranet kollha huma sbieħ.'

Il-Patri skanta kif raġel bla dar jirraġuna li l-ġranet tiegħu huma kollha sbieħ, għax hu stess, bħal kulħadd, kien ikollu ġranet tajbin u ġranet ħżiena, kultant kien iħossu ferħan, u kultant kien iħossu mdejjaq. Allura staqsa lir-raġel għaliex kien qiegħed jgħid li l-ġranet kollha huma sbieħ għalih.

'O sempliċi sinjur. Fil-ħajja jien tgħallimt biex nixtieq dejjem dak li Alla jagħtini. Dik hi l-ħajja tiegħi.'

'X'jiġifieri?', staqsa l-Patri.

'Ħafif ħafna biex tifhem. Meta ma jkolli xejn x'niekol, jien ngħid tajjeb ħafna, illum hija ġurnata tajba biex insum sawma! Meta jagħtuni x'niekol, ngħid, prosit, x'ikel tajjeb tawni llum! Meta tagħmel ix-xita, ngħid għall-erwieħ, għandi bżonn ħasla tajba llum u Alla se jagħtini waħda b'xejn! Meta tkun ħafna xemx, nirringrazzja lil Alla talli se nkun nista' nixxemmex xi ftit.... Għalhekk jien qatt ma jkolli ġurnata ħażina għax drajt nixtieq dak li Alla jixtieq.'

Il-Patri kien verament milqut minn dan il-għerf ta' dan ir-raġel, u staqsieh min kien.

'Jien Sultan,' kienet it-tweġiba.

Il-Patri malajr induna kemm kellu raġun dan ir-raġel sempliċi. Hu kien sultan għax hu kien jaħkem fuq il-ġrajjiet ta' ħajtu. Hu ma kienx iħalli ċ-ċirkostanzi jinfluwenzawh jew jgħelbuh. Fil-faqar tiegħu kien aktar sinjur mill-aktar sultan għani. Fit-tbatija tiegħu kien aktar kuntent minn nies li moħħhom fil-pjaċiri tad-dinja.

Dan hu s-sigriet! Alla hu Missier, u kull filgħodu Hu jfassal pjan għalina – pjan mill-aqwa. Hu jridna ferħanin u għalhekk jara li jagħtina dak li għandna bżonn. Jekk għandna bżonn il-kuraġġ, Hu jipprovdi nies u ċirkostanzi li jqawwulna qalbna. Jekk għandna bżonn ċanfira, Hu jibgħat ġrajjiet li jbaxxulna ftit l-ego kbir tagħna. Il-problema hi li aħna nagħmlu diġa' pjanijiet oħra għall-ġurnata. U l-pjanijiet tiegħu u tagħna jaħbtu ma' xulxin. U aħna nitħabtu u niġġieldu biex dejjem jirnexxu l-pjanijiet ta' moħħna, li mhux dejjem huma ta' ġid għalina. U nispiċċaw dejjem għajjenin...u mdejqin.

Il-ħajja hija sempliċi aktar milli naħsbu. Kull m'hemm bżonn hija li nerħu iżjed f'idejH u nħallu lilU jmexxi!

**Ippruvaha għal jum wieħed biss, u ara kif tmur!**

**Ħalli forsi fl-aħħar tibda tgħix ta' Sultan!**

*(meħuda mill-kitbiet ta' Patri Piju Sammut OCD)*



# ĦAJJA U ĦIDMA - Ottubru 2014

**L-Erbgħa 1 Jum l-Anzjani. L-Ewwel Jum tat-Tridu ta' S. Franġisk**. Fis-7.00pm – Quddiesa bil-ħsieb minn P.Joseph Formosa Ofm.Conv. Il-Kant ikun immexxi mill-Grupp Rising Sun.

**Il-Ħamis 2 L-Ewwel Ħamis tax-xahar**. Issir l-Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Tluq minn ħdejn Knisja f'nofs in-nhar.

**It-Tieni Jum tat-Tridu ta' S.Franġisk.**

Fis- 7.00pm – Quddiesa bil-ħsieb minn P.Joseph Formosa ofm. Conv. Il-kant ikun immexxi mill-Grupp Creations.

Waqt il-quddiesa ssir il-Vestizzjoni tal-Abbatini.

**Il-Ġimgħa 3 L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

**It-Tielet Jum tat-Tridu ta' San Franġisk.**
Fis-7.00pm – Quddiesa bil-ħsieb minn P. Joseph Formosa ofm.Conv. Fi tmiem il-quddiesa jsir it-Transitu, fejn infakkru l-mewt u l-glorja ta' Missierna San Franġisk. Il-kant ikun immexxi mill-Kor Parrokkjali Ħlewwa ta' Marija.

**Is-Sibt 4 Jum is-Solennita' ta' Missierna S. Franġisk.** Jum l-Ambjent. **L-Ewwel Sibt tax-xahar.** Inġeddu l-Konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija.

Fis-6.00pm Tibda l-Adorazzjoni fil-Knisja tal-Ewwel Sibt tax-xahar segwita bil-Barka Sagramentali.



Fis-7.00pm Konċelebrazzjoni Solenni mill-Komunita' Franġiskana, bil-ħsieb minn P.Joseph Formosa ofm.Conv. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali Ħlewwa ta' Marija.

Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija. Bazaar il-ġurnata kollha mill-Kumitat Festa.

**Il-Ħadd 5** Fid-9.30am – Fuq iz-zuntier tal-Knisja jsir it-Tberik tal-Annimali u għodod tal-Bdiewa fl-okkażjoni tal-Festa ta' S. Franġisk t'Assisi. Fl-10.30am – Laqgħa tal-Grupp Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali. Mill-lum il-Ikompli l-Bazaar mill-Kumitat Festa.

**It-Tlieta 7** Festa tal-Madonna tar-Ružarju. Il-Knisja tħeġġiġna sabiex fil-Familji tingħad it-talba sabiħa tar-Ružarju.

**Il-Ġimgħa 10** Jum Dinji għas-Saħħa Mentali. Nitolbu għal dawn ħutna u għal kull min jieħu ħsiebhom.

Mill-lum il-Kappillan jattendi għall-Assembleja Djoċesana.

**Is-Sibt 11** Il-Kappillan jattendi għall-Assembleja Djoċesana. Żommu din il-ġurnata libera għax fit-8.00pm se jkollna VARJETA' GHALL-FAMILJA kollha fiċ-Ċentru Parrokkjali. Niltaqgħu.

**Il-Ħadd 12** **Jum it-Tagħlim Nisrani**.
Ġurnata ta' attivita' għall-Familja kollha - Ara programm.

**It-Tlieta 14** Fis-7.30pm – Lectio Divina wara l-Quddiesa. Inħeġġukom tattendu.

**Il-Ħamis 16** Fid-9.15am – Tluq minn ħdejn il-Parroċċa għas-Santwarju tal-Madonna tas-Saħħa fir-Rabat. Niċċelebraw quddiesa fl-istess Santwarju u wara għall-cafe' u pastizzi.

**Is-Sibt 18** **Festa ta' San Luqa**. 50 sena ilu l-Parroċċa tagħna tqegħdet taħt il-Protezzjoni tiegħu, kif hemm miktub fl-irħama fin-naħa t'isfel tal-Knisja. Fis- 7.00pm – Quddiesa minn P.Thomas Calleja ofm.Conv, Immexxija bil-kant mill-Kor Parrokkjali. F'din il-quddiesa ser jiġu ppreżentati l-Barka tal-Qdusija Tiegħu il-Papa Franġisku fl-okkażjoni tal-50 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja, flimkien mal-Karlotta tiegħu u tal-Papa Emeritu Benedittu XV1 lill-Parroċċa tagħna minn P. Thomas li ħa ħsieb iġib għall-Parroċċa tagħna f'din is-sena speċjali għalina.

**Il-Ħadd 19** **Jum il-Missjonijiet**. Nitolbu għal missjunarji li qed jaħdmu barra minn xtutna. Il-ġbir kollu li jsir fil-quddies imur b'risq il-Missjonijiet.

**Is-Sibt 25 u l-Ħadd 26** **F'dan il-weekend issir il-ġabra b'risq il-Parroċċa**

**Il-Ħadd 26** Fis-2.00am Tinsewx iddawwru l-Arloġġ għall-ħin tax-xitwa. Mill-lum il-quddies ta' filgħaxija jibda jkun fis-6.15pm.

**It-Tlieta 28** Fil-5.15pm Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Trabi li tgħammdu fil-Parroċċa tagħna**

**bejn Jannar u Ġunju 2014:**



Nina Catania Haber

Lexton Lee Fenech

Heleen Portelli

Amon Vella

Aadah Vella

Aiken Busuttil

Mazaiak Buġeja

Sean Staddon



**Żwiġijiet li saru fil-Parroċċa tagħna u membri tal-Parroċċa tagħna li żżewġu f'parroċċi oħra bejn Jannar u Lulju 2014:**

Andre' Buġeja ma' Lara Borġ Spiteri

Alexis Bonniċi ma' Lorraine Cassar

Roderick D'Amato ma' Tracy Aġius

Christian Camilleri ma' Rachel Aġius

Stefan Sant ma' Sarah Paola Schembri

Keith Cassar ma' Xanthe' Schembri

**Ħutna li għaddew għall-Ħajja ta' Dejjem bejn Jannar u Lulju 2014:**



| | |
|---|---|
| Duminku Gauċi | 86 sena |
| Carmelo Magro | 77 sena |
| Ġużeppi Gauċi | 73 sena |
| Angela Roberts | 100 sena |
| Ġużeppa Bartolo | 82 sena |
| Marija Borġ | 94 sena |
| Pawla Schembri | 81 sena |

# Tajjeb Tkun Taf

- Nawguraw u ngħidu grazzi minn qalbna lil P.Christian Borg ofm.Conv, li ħa post is-Sinjura Mary Aġius għat-Tagħlim tal-Katekiżmu tal-aħħar sena tal-Griżma. Minn qalbna nerġgħu ngħidu grazzi lil Mary tas-servizz li tat lil uliedna bi preparazzjoni għall-Griżma tal-Isqof.

- Rużarju fil-beraħ fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja mill-membri tal-Leġjun ta' Marija kull nhar ta' Tnejn fil-5.00pm.

- Infakkru fl-obbligu u d-dmir tal-ġenituri li jibgħatu lil uliedhom għat-tagħlim tad-Duttrina Nisranija.

- Qed jitqassam ma' Leħen il-Parroċċa l-envelope tal-Missjoni sabiex bħala familja tagħtu l-kontribuzzjoni tagħkom u ġġibuhom il-Parroċċa biex jintbagħtu l-Uffiċċju Missjunarju.

- Fl-Envelope l-abjad hemm lista sabiex tniżżlu l-ismijiet tal-għeżież mejtin tagħkom u ġġibuhom sal-1 ta' Novembru. Infakkru li l-quddiesa tal-Ġimgħa fil-għaxija matul ix-xahar kollu ta' Novembru tkun offruta għalihom.

- Infakkru li Ġesu' se jkun espost għall-qima u l-adorazzjoni tagħna minn nhar it-Tlieta 21 ta Ottubru fu kull nhar ta' Tlieta fil-Kappella fiċ-Ċentru Parrokkjali bejn id-9.00am u 12.00pm.

- Pre-Youths jiltaqgħu kull nhar ta' Ġimgħa bejn is-7.00pm u l-10.00pm fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ikkuntattjaw lil P. Ġorġ Buttiġieġ ofm.Conv., fuq il-mobile 99245138 jew FaceBook tiegħu.

**Tel: 21573045/ Fax:21578118** **Mobile: 77622275**

**www.parroċċaburmarrad.com** **email:kappillan@parroċċaburmarrad.com**

**https://www.facebook.com/parroccaburmarrad**